# IRQAQAT TAL-KITBA

## KONSONANTI MTENNIJA F'NOFS IL-KELMA

Kif għandna niktbu: *tajba* jew *tajjba*, *qajmet* jew *qajjmet*, *dawret* jew *dawwret*? It-*Tagħrif*, faċċ. 29 iwissina li ma għandniex ngħaqqdu żewġ *j* jew żewġ *w* ma' vokali waħda, u għalhekk ma nistgħux intennu l-*j* jew il-*w* f'nofs il-kelma meta warajhom għandhom konsonanti. U l-kittieba aktarx kollha jimxu ma' din it-tusija u jiktbu: *tajba*, *sejra*, *qajmet*, *dawret*, *żewġu*.

Din il-kitba biċċa togħġobni u biċċa ma togħġobnix. U ngħid il-għala. L-ewwelnett il-konsonanti dgħajfin *j* u *w* intennuhom jew għall-ħlewwa tal-leħen (*eufonia*), jew għat-tifsir tal-kelma. a) Ħlewwa tal-leħen: *j* u *w* bejn żewġ vokali taħteġilhom għajnuna biex jirtifdu, jitwieżnu u jissaħħu u jinstemgħu aħjar; hekk il-partiċipju tal-verb *sâr* hu *sâir* (bħal *dâħil*=*dieħel* minn *daħal*) li jsir *sâjir*=*sajjir*=*sejjer*. Hekk ukoll: *tâib*=*tâjib*=*tajjeb*; *dâim*=*dâjim*=*dejjem*; *mâit*=*mâjit*=*mejjet*; *ħlâwa*=*ħlewwa*. b) Tifsir tal-kelma; *j* u *w* intennuhom meta rridu nfissru għamil imtenni jew magħmul bis-saħħa, hekk: *mewwet*, *dawwar*, *żewweġ*, *qajjem*, *tajjar*, *ħajjar*.

a) Konsonanti mtennija għall-ħlewwa tal-leħen titlef ittitnija tagħha kull meta mhix meħtieġa, jiġifieri kull meta mhix bejn żewġ vokali, u għalhekk niktbu: *sejra*, *sejrin* minn *sejjer*; *mejta*, *mejtin* minn *mejjet*; *tajba*, *tajbin* minn *tajjeb*; *dawra* minn *dâr* mhux minn *dawwar*; *sawma* minn *sâm* mhux minn *sawwam*. Hekk ukoll għandna niktbu: *mejda*, *xbejba*, *tfajla* (minn *tfajjel*), *xmejxa*, *bnejta*, *sewda*, *mewġa*. U għalhekk ukoll il-klejma *minn*, li għandha l-*n* imtennija biex iżżomm il-vokali *i* qasira u ma tinbidelx ma' *mîn*, titlef *n* waħda meta hi marbuta ma' kelma oħra tibda b'konsonanti, hekk: *minħabba* mhux *minnħabba*, *minflok* mhux *minnflok*, iżda *minn flok*, *mingħajr*. Imma jekk flok *minn* għandna kelma oħra, bl-aħħar konsonanti mtennija għax hekk jitlob nisel il-kelma, din il-konsonanti tibqa dejjem imtennija, mqar meta tintrabat ma' kelma oħra tibda b'konsonanti, hekk il-kelma *kull* qatt ma tistagħ titlef *l* għax nisel il-kelma hu *k-l-l*; mela niktbu: *kullħadd* mhux *kulħadd*, *kullwieħed*. *kullmeta*, *kullfejn*, *kulljum*.

b) Konsonanti mtennija minħabba tifsir il-kelma jew minħabba nisel il-kelma għandha tibqa dejjem imtennîja. Bħalma minn *kisser* niktbu *kissret*, *kissru*, *imkissrin*, hekk minn *dawwar* niktbu *dawwret*, *dawwru*, *mdawwrin*, u minn *qajjem* niktbu *qajjmet*, *qajjmu*, *mqajjmin*, jiġifieri *daww-ret*, *qajj-met*. Meta aħna niktbu hekk, is-sura tal-verb tibqa sħiħa, bla ma tittiesef xejn u għalhekk tingħaraf aħjar u bla tfixkil; *lewwnu* tingħaraf malajr li hi verb minn *lewwen*, iżda jekk niktbu : *lewnu*, b'*w* waħda, tistagħ tfisser : *il-lewn tiegħu*. Iżjed : *lewnu* u *lewwnu*, u kliem ieħor bħalhom, ma għandhomx ħoss wieħed; fl-ewwel waħda s-saħħa tal-leħen mitfugħa fuq il-vokali *e*, fl-oħra mitfugħa fuq il-*w*; mela jekk ma għandhomx ħoss wieħed, ma għandhomx jinkitbu bħal xulxin. Terġagħ : *lew* hija sillaba qasira, *leww* hija sillaba twilla, li tpatti għat-telfa tal-vokali *e* (*lewwnu*=*lewwenu*) u hekk il-kelma żżomm dejjem qjies wieħed. Għal dawn ir-raġunijiet jidhirli li għandna nżommu l-*j* u l-*w* mtennijin kull meta s-sura tal-verb titlob li jkunu mtennîjin.

Kliem bħal: *Maltija*, *mibnija*, *sbuħija*, għandu jinkiteb b'*j* mtennîja, hekk : *Maltijja*, *mibnijja*, *sbuħijja* bħalma jinkitbu fil-Għarbi u bħalma jinħassu fil-widna. Iżda billi *ij*=*î*, flok *Maltijja* nistgħu niktbu *Maltîja*. Jekk niktbu : *Maltija*, għandna niftakru li l-vokali *i* hi twila, għalhekk niktbu : *kburîtu*, *sbuħîtu*, *qdusîtu*.

Kull ma ktibt hawn ktibtu biex nuri l-fehma tiegħi u mhux il-fehma tal-Għaqda, u għalhekk sakemm il-Għaqda ma tgħarrafx li għandna niktbu b'żewġ *j* u b'żewġ *w*, min ma jaqbelx miegħi jistagħ jibqa jikteb b'*j* u b'*w* waħda. Tajjeb li min ma jaqbelx miegħi, juri u jfisser f'dan il-qari r-raġunijiet biex min jaqra u min jitgħallem jifhem aħjar għala jikteb hekk u għala jikteb hekk.

P. P. SAYDON.